# AWTORITÀ TAD-DJAR

NOVEMBRU 1991



Uffiċini ġodda ta' l-Awtorità tad-Djar fil-Floriana.

Rapport Amministrattiv
Bejn l-1 t'Ottubru 1990
u t-30 ta' Settembru 1991

Rapport Finanzjarju
Bejn l-1 t'Ottubru 1990
u t-30 ta' Settembru 1991

Estimi ta' Nfieq u Dħul
Bejn l-1 t'Ottubru 1991
u t-30 ta' Settembru 1992

*Mħejjija Skond Paragrafu 11
u Paragrafu 13 ta' l-Att XV
ta' l-1976 Dwar l-Awtorità
Tad-Djar*

KONTENUT

RAPPORT AMMINISTRATTIV ..................................3

RAPPORT FINANZJARJU ........................................15

ESTIMI GHAS-SENA 1991/92 ..................................18

AWTORITÀ
TAD-DJAR

# RAPPORT AMMINISTRATTIV 1990 / 1991

## 1.0 Daħla

1.1 Dan ir-rapport ifisser ħidmet l-Awtorità tad-Djar tul it-tnax-il xahar mill-1 ta' Ottubru 1990 sat-30 ta' Settembru 1991.

1.2 Matul din is-sena, ħidmet l-Awtorità tmexxiet minn Bord nominat permezz ta' Avviż Numru 492 tal-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Lulju 1990. Dan il-Bord kien kompost mill-

| | |
|---|---|
| Perit | Catherine Galea B.Sc. (Eng.), B.A. (Arch), A. & C.E. (Chairman), |
| Sur | Paul V. Mifsud B.A. (Hons), M.A. (Deputat Chairman), |
| Sinjura | Pauline Ellul, |
| Perit | Joe Falzon M. Sc (Lond), B.Sc. (Eng.), B.A. (Arch), A & C.E., |
| Sur | Saviour Gatt, |
| Sur | Gaetan Naudi A.C.I.S., |
| Sur | Joseph Scicluna, |
| Sur | Piju Spiteri. |

1.3 Skond Avviż Legali Numru 200 li deher fil-Gażżetta tal-Gvern tat-8 ta' Marzu 1991, dan il-Bord ġie ikkonfermat u fuqu żdied s-Sur Charles Micallef A.C.I.S., C.S.A., Dip. M. bħala Membru.

1.4 Matul dawn l-aħħar tnax-il xahar il-Bord ta' l-Awtorità tad-Djar iltaqa' 15-il darba. Barra minn hekk, membri tal-Bord attendew bosta laqgħat ta' sotto-kumitati li l-Bord ta' l-Awtorità waqqaf minn żmien għal żmien biex jistħarrġu b'reqqa u jwettqu deċiżjonijiet dwar suġġetti speċifiċi.

## 2.0 Sena ta' Ħidma Impenjattiva

2.1 Matul din is-sena il-Bord ta' l-Awtorità baqa' miexi fil-ħidma tiegħu fuq il-"Guideline Policies" għas-snin 1987-1997, li l-Bord kien approva erba' snin ilu.

2.2 Tkompla għalhekk l-programm ta' bini ta' appartamenti u 'maisonettes' ġodda li tqassmu b'sistemi mill-aktar miftuħa, msejsa fuq il-ħaqq u l-ġustizzja. Dawn l-aħħar erba' snin l-Awtorità tad-Djar ħarget 1,294 -il appartament għall-allokazzjoni. Barra minn dan irriservat il fuq minn 106 appartament għal dawk l-'evictees' affetwati minn proġetti tal-Gvern ġo Bormla, l-Ħamrun, l-Imsida, l-Belt Valletta u Ħaż-Żebbuġ, kif turi aħjar tabella 1. B'hekk jissokta jseħħ il-pjan imniedi mill-Gvern biex il-poplu jkollu aktar djar aħjar u diċenti għall-għixien tiegħu. Inħarġu 2,400 "plots" taħt l-Iskema tal-'Home Ownership' (HOS) u tħaddmu "policies" bl-iskop li kulħadd isir sid ta' daru.

Tabella 1

| LOKALITÀ | KIRI | BEJGH | 'EVICTEES' | |
|---|---|---|---|---|
| Attard | – | 40 | – | |
| Birkirkara | 25 | -- | – | |
| Birżebbugia | – | 8 | – | |
| Bormla | 30 | -- | 28 | |
| Buġibba | – | 20 | – | |
| Fgura | – | 10 | – | |
| Floriana | 22 | 16 | – | |
| Hamrun | 8 | – | 9 | |
| Isla | 15 | – | – | |
| Kalkara | 49 | 44 | – | |
| Kirkop | 16 | 20 | – | |
| Luqa | – | 4 | – | |
| Mellieħa | – | 9 | – | |
| Msida | – | 10 | 16 | |
| Mtarfa | 13 | 71 | – | |
| Naxxar | 25 | 25 | – | |
| Paola | – | 32 | – | |
| Pietà | – | 10 | – | |
| San Gwann | 106 | 119 | – | |
| Santa Lucia | 39 | 55 | – | |
| Santa Venera | 76 | 74 | – | |
| Siggiewi | 33 | 38 | – | |
| Valletta | 72 | 40 | 47 | |
| Zabbar | – | 40 | – | |
| Zebbuġ | 6 | – | 6 | |
| Zejtun | 49 | 25 | – | |
| TOTAL | 584 | 710 | 106 | 1400 |

## 3.0 Proġetti ta' l-Awtorità

Il-proġetti ewlenin ta' l-Awtorità tad-Djar matul is-sena li għaddiet huma imfissra fil-qosor kif ġej.

## 3.1 Bini ta' Appartamenti Ġodda

Bejn Ottubru 1990 u Settembru 1991 tlestew, b'mod li jistgħu jiġu okkupati, 309 appartament

f'Birkirkara, Bormla, Buġibba, Floriana, Kalkara, Pietà, San Ġwann, Is-Siġġiewi, Santa Venera u Valletta.

Bħal issa għaddej ix-xogħol fuq 679 appartament u 'maisonette' oħra f'bosta lokalitajiet f'Malta u f'Għawdex, kif jidher f'Tabella 2

Tabella 2

| LOKALITÀ | NRU. TA' UNITS | |
|---|---|---|
| MALTA | | |
| Attard | 40 | |
| Birkirkara | 2 | |
| Bormla | 4 | |
| Floriana | 64* | |
| Ħamrun | 17 | |
| Isla | 20 | |
| Mosta | 32 | |
| Mqabba | 8 | |
| Msida | 35 | |
| Paola | 32 | |
| Pietà | 20 | |
| Santa Venera | 32 | |
| San Ġwann | 92 | |
| Siġġiewi | 34 | |
| Tarxien | 26 | |
| Valletta | 121 | |
| Żabbar | 80 | |
| Żebbuġ | 12 | 671 |
| GĦAWDEX | | |
| Victoria | 8 | |
| | | 679 |

*Jinkludu 16-il 'maisonette'

Bil-bini ta' dawn l-appartamenti u "maisonettes" qed jintlaħqu ħafna aktar familji li għadhom qed jgħixu f'kundizzjonijiet soċjali mhux aċċettabli. Ta' min jinnota, li minn dawn il-postijiet, 118-il appartament, jiġifieri it-2 ta' Birkirkara, 11 fil-Furjana, 1-20 fl-Isla, il-35 ta' l-Imsida, it-12 ta' Ħaż-Żebbuġ u t-38 appartament fil-Belt Valletta kienu jeħtieġu xogħol ta' twaqqiegħ ta' bini qadim u rikostruzzjoni. Sar ukoll xogħol ta' riabilitazzjoni fuq 11-il appartament ieħor fil-Belt Valletta. Għaldaqstant f'dawn l-aħħar 4 snin, ġol-Belt Valletta biss nbnew 76 l-appartament ġdid u ġew rikostruiti 94 appartament u riabilitati 39 oħra li b'kollox jammontaw għal 209 post. Qed isiru sforzi kbar biex jinbnew u jiġu irranġati bosta postijiet oħra fil-Belt biex il-belt kapitali Maltija tibqa' ħajja.

B'hekk l-Awtorità tad-Djar qed tilħaq il-mira tagħha li tintefa' kemm fuq proġetti ta' bini

t'appartamenti ġodda kif ukoll fuq proġetti ta' riabilitazzjoni f'inħawi fejn hemm bini mitluq. Għalhekk qed isir użu aħjar minn bini eżistenti fiċ-ċentri ta' bliet u rħula Maltin li f'ħafna każi ma jkunx qed jintuża u qed jissebbaħ l-ambjent billi jitneħħew bosta binjiet li jweġġħu l-għajn u jkerrhu l-lokal.

Kif jidher aktar l-isfel, l-Awtorità, bi ftehim mad-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali, kompliet ukoll bl-iskemi tagħha biex tħajjar l-inkwilini isiru sidien ta' darhom u biex tingħata aktar għajnuna lis-sidien tad-djar t'abitazzjoni biex jagħmlu tibdil u titjib biex iżommu darhom fi stat tajjeb.

## 3.2 Allokazzjoni ta' Appartamenti b'Kera u Bejgħ bi Prezzijiet sussidjati.

Matul din is-sena intalbu applikazzjonijiet għall-allokazzjoni ta' 571 appartament u 'maisonette' f'diversi nħawi.

L-Awtorità irceviet u pproċessat 1917-il applikazzjoni. Din il-'Bar chart' turi fid-dettal kif intefgħu dawn l-applikazzjonijiet.




Is-sistema ta' punteġġ li fuqha jinħadmu l-applikazzjonijiet tiżgura li l-prinċipji ta' ġustizzja soċjali jiġu attwati tul il-proċess kollu ta' kull applikazzjoni. Huwa minħabba dan li s-sistema tal-lum tagħti kunsiderazzjoni lill-kundizzjoni attwali tal-post ta' abitazzjoni ta' l-applikant.

L-appartamenti li jiġu allokati b'kera jkunu amministrati mid-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali. L-Awtorità tad-Djar minn naħa tagħha tieħu ħsieb il-konvenji u kuntratti ta' dawk l-appartamenti li jiġu allokati b'bejgħ.

Fatt li qed iqawwi qalb l-Awtorità tad-Djar għax jindika suċċess fil-mira li kulħadd isir sid ta' daru huwa li l-pubbliku qed jagħżel li aktar japplika biex jixtri milli biex jikri. Taħt Avviżi 33 u 34, minn 1089 applikant, 672 talbu biex jixtru (61.7%) fil-waqt li taħt Avviżi 37 u 38 minn 726

applikant, 476 talbu biex jixtru (65.6%).

Matul din is-sena l-Awtorità tad-Djar biegħet b'sussidju dawn il-postijiet:

Tabella 3

| Lokalità | Bejgħ b'Konvenju | Bejgħ bil-Kuntratt |
|---|---|---|
| Birkirkara | 2 | - |
| Buġibba | - | 1 |
| Kalkara | 14 | 21 |
| Kirkop | 1 | 7 |
| San Gwann | - | 58 |
| Santa Lucia | 29 | 25 |
| | 46 | 112 |

## 3.3 Skema tal-"Home Ownership"

Matul ix-xhur ta' Ġunju u Lulju 1991, intlaqgħu applikazzjonijiet għal 299 'plots' taħt l-HOS f'diversi lokalitajiet f'Malta u Għawdex - Ħarġa Ġunju 1991.

L-Awtorità tad-Djar irċeviet 923 applikazzjoni u dawn kienu mqassmin hekk:




Ftit wara l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet sar l-ipproċessar ta' dawn l-applikazzjonijiet u l-ewwel polza ittellgħet matul Awissu 1991. Matul ix-xahar ta' Ottubru 1991 ser issir it-tieni polza biex dawk li l-applikazzjoni tagħhom hija valida jiġu allokati biċċa art fil-lokalità li għaliha applikaw.

Ta' min wieħed isemmi li anki f'din il-Ħarġa, bħal dik ta' qabilha, l-għotja ta' flus tista' tlaħħaq

Lm3000, jiġifieri żieda ta' Lm500 għal kull kategorija tad-dħul ta' l-applikanti.

Bħal fil-Harġiet ta' qabel, il-benefiċjari setgħu din id-darba wkoll jitolbu li jieħdu self b'imgħax issussidjat, jekk jagħżlu dan flok l-għotja ta' flus.

Matul din is-sena, saru wkoll konvenji fuq dawk il-plots tal-Harġa Awissu 90. L-Awtorità tad-Djar tinnota b'sodisfazzjon li l-inċentiv ta' għotja ta' flus biex jgħin lill-benefiċjarji jtellgħu darhom qed iżid fil-popularità, tant li kien hemm percentaġġ qawwi (aktar minn 80%) ta' applikanti li għażlu dan it-tip ta' għajnuna.

### 3.4 Skemi A, B, Ċ, D, E, F ta' l-Awtorità tad-Djar

L-iskemi E u F biex iħajjru inkwilini isiru sid ta' darhom li ixxandru fil-Gazzetta tal-Gvern ta' s-7 ta' Settembru 1990 (Avviż Legali 139 u 140) baqgħu jgħoddu sas-7 ta' Settembru 1991.

F'dawn it-tnax-il xahar il-bqija ta' applikazzjonijiet pendenti taħt Skemi A, B, Ċ u D ġew ipproċessati. Minn dawn, kif ukoll mill-522 applikazzjoni taħt l-iskemi E u F, sat-30 ta' Settembru 1991, saru:

i. 17-il konvenju u 8 kuntratti għall-bejgħ ta' Djar tal-Gvern taħt l-iskema A.

ii. 11 il-konvenju u 6 kuntratti għall-bejgħ ta' appartamenti tal-Gvern taħt l-iskema B.

iii. Kuntratt wieħed taħt Skema Ċ u 18 il-kuntratt taħt l-iskema D.

iv. 64 konvenju taħt l-iskema E.

v. 54 kuntratt taħt l-iskema F.

Fi ftit ġranet oħra, ħerġin l-iskemi ġodda G u H li ser jieħdu post l-iskemi E u F rispettivament.

### 3.5 Il-Proġett ta' l-Imtarfa

Il-proġett ta' l-Imtarfa miexi b'pass sodisfaċenti, u l-Awtorità tad-Djar, minkejja xi diffikultajiet, qed tkompli tagħti l-attenzjoni meħtieġa biex jimxexxi il-proġett ta' belt ġdida. Ta' min wieħed isemmi li din il-ħidma qed titwettaq bl-akbar responsabilità u l-problemi li jinqalgħu qed jingħelbu bil-għaqal u b'rieda tajba.

L-ewwel 58 dar ('cluster houses') tlestew u ser jiġu allokati fi ftit ġranet oħra; ix-xogħol fuq iż-żewġ blokki ta' 13-il appartament-il wieħed qiegħed fi stadju avvanzat.

Wara s-sejbien ta' xi fdalijiet arkeoloġiċi ta' valur storiku fil-post fejn kienu ġew ippjantati uħud mill-HOS 'Plots', u wara li ttieħdu l-pariri ta' l-awtoritajiet tal-Mużew, ġie deċiż li għandhom jiġu preservati żewġ 'sites' li fihom instabu xi "silos". Ser isir disinjar mill-ġdid ta' dawn l-inħawi u, bħala riżultat, uħud mill-HOS 'Plots' se tinbidlilhom l-pożizzjoni imma jibqgħu fl-Imtarfa.

## 3.6 Żvilupp ta' Pembroke

L-Awtorità tad-Djar ħasset li l-proġetti li bħalissa għandha f'idejha għandhom jieħdu preferenza fuq il-proġett ta' l-iżvilupp ta' Pembroke.

## 3.7 Ishma fil-Lohombus Corporation Limited

Għall-ewwel darba fl-istorja tagħha, l-Awtorità tad-Djar akkwistat sehem fil-Lohombus Corporation Limited. Infatti, hi għandha bħalissa 500,000 "B" sehem ordinarju ta' Lm1 - l wieħed li jammontaw għal 12.5% ta' l-ishma kollha tal-Lohombus Corporation Limited.

Ic-Chairman ta' l-Awtorità tad-Djar tirrappreżenta lill-Awtorità fuq il-Bord tad-Diretturi tal-Lohombus Corporation Limited. L-ewwel laqgħa ta' dan il-Bord il-ġdid saret fis-26 ta' April 1991.

## 3.8 Self mill-ERF

Fil-preżent jeżisti ftehim bejn il-Gvern Malti u l-European Resettlement Fund tal-Kunsill ta' l-Ewropa fejn il-Gvern Malti ngħata self ta' għoxrin miljun lira Maltija mifruxa fuq 10 snin b'rati ta' imgħax li huma in parti sussidjati, biex jintużaw fil-proġetti tal-bini ta' l-Awtorità.

Matul dawn l-aħħar tnax-il xahar, delegati ta' l-Awtorità tad-Djar iltaqgħu ma' uffiċjali tal-Kunsill ta' l-Ewropa fi Strasbourg u f'Pariġi u ddiskutew b'sodisfazzjon għaż-żewġ naħat il-kundizzjonijiet ta' self li jsir taħt dan il-ftehim.

## 3.9. Attivitajiet oħra ta' matul is-sena

3.9.1 Jidher li l-'policy' ta' l-Awtorità tad-Djar li tippermetti l-ftuħ ta' ħwienet li jagħtu servizz lill-kommunità fl-Oqsma tad-Djar tal-Gvern u b'hekk jitnaqqsu l-inkonvenjenzi għar-residenti, intlaqgħet tajjeb.

Intlaqgħu u ġew proċessati 20 applikazzjoni għall-ftuħ ta' ħwienet u diġa' f'xi każijiet dawn bdew jagħtu servizz lill-klijenti tagħhom.

3.9.2 L-Awtorità tad-Djar għadha iffaċċjata bil-problema ta' artijiet li tqassmu taħt l-Iskema tal-'Home Ownership' u li xorta ma jistax isir għalissa il-kuntratt ta' għotja enfitewtika fuqhom minħabba li l-art għadha mhix akkwistata mill-Gvern. Madankollu din il-qagħda qed tiġi rimedjata bil-mod il-mod.

Bdew ukoll isiru il-kuntratti ta' fidi ta' ċens kif hemm stipulat fil-kundizzjonijiet tal-Harġa tal-HOS Plots - Settembru 1988.

3.9.3 Il-policy mnehdija f'Jannar tas-sena 1990 fejn dawk il-benefiċċjarji ta' artijiet ta' l-HOS semi-żviluppati jistgħu jbiegħu direttament lil terzi persuni qed tagħti il-frott tagħha. L-Awtorità tad-Djar approvat 78 talba minn dawn, li 26 minnhom ġew finalizzati.

3.9.4 Taqsima Notarili
F'din is-sena ittieħdet deċiżjoni biex kuntratti ta' trasferiment ta' artijiet, djar u appartamenti ta' l-Awtorità tad-Djar ikunu jistgħu isiru min-Nutar magħżul mill-benefiċċjarju.

It-Taqsima Notarili fl-Awtorità tad-Djar qed tieħu ħsieb ix-xogħol ta' "drafting" u xogħol ta' tħejjija ta' konvenji u kuntratti taħt il-Ħarġiet ta' l-Iskemi ta' l-Awtorità tad-Djar.

Din it-Taqsima hija responsabbli mix-xogħol meħtieġ għar-reġistrazzjoni fir-Reġistru ta' l-Artijiet ta' djar u appartamenti trasferiti mill-Gvern lill-Awtorità u li wara jgħaddu f'idejn il-benefiċjarji.

3.9.5 Uffiċċju Ġdid
Fl-ewwel ta' Lulju 1991, l-uffiċċji ta' l-Awtorità tad-Djar ġew trasferiti f'post ġdid f'numru 8, Triq l-Imħażen, Floriana, kantuniera ma' 12 Triq Pietro Floriani.

Il-fatt li l-uffiċċji kollha ta' l-Awtorità tad-Djar ikunu taħt saqaf wieħed qed jagħti r-riżultati tiegħu peress li l-pubbliku qed jinqeda aħjar u l-istaff qed jaħdem taħt kundizzjonijiet aktar tajbin.

Irid jingħad li l-Awtorità tad-Djar baqgħet għaddejja bil-ħidma tagħha waqt dan il-proċess ta' trasferiment ta' l-uffiċċji sabiex jinħoloq l-anqas inkonvenjent lill-pubbliku in ġenerali.

## 4.0 Għeluq

L-Awtorità tad-Djar qed tkompli bil-ħidma tagħha biex tissodisfa t-talba li hawn għal postijiet tal-Gvern.

Biex inkiseb dan is-suċċess wieħed irid japprezza d-dedikazzjoni kbira għax-xogħol li għandu l-istaff kollu ta' l-Awtorità tad-Djar. Mingħajr din id-dedikazzjoni u kooperazzjoni, żgur li l-progress li sar biex issaltan ġustizzja soċjali fil-qasam tad-Djar ma kienx jinkiseb. Il-ħaddiema kollha, mill-kbir saż-żgħir, ta' l-Awtorità tad-Djar għandhom l-apprezzament sinċier tal-Bord għax-xogħol fejjiedi li wettqu f'din l-aħħar sena.

Catherine Galea B.Sc. (Eng.), B.A. (Arch.), A. & C.E.

Gaetan Naudi A.C.I.S.

Joseph Scicluna



*Is-Segretarju Parlamentari jiltaqa' mal-benefiċjarji*



*Raħal Ġdid*



*San Ġwann*



*Floriana*



*Ħaż-Żebbuġ*



*Xewkija - Għawdex*



*Is-Siġġiewi*



*Floriana*



*Xagħra - Għawdex*

## RAPPORT FINANZJARJU 1990/1991

### Daħla

L-Estimi li ipproponiet l-Awtorità tad-Djar għas-sena finanzjarja 1990/1991 kienu juru żieda qawwija fl-attivitajiet tagħha. F'erbgħa snin l-Estimi telgħu minn Lm700,000 fis-sena għal kważi Lm6,000,000 fis-sena f'infieq f'sussidji u f'għajnuniet oħra fil-qasam ta' l-akkomodazzjoni soċjali.

### 1.0 Nefqa Kapitali

1.1. In-nefqa kapitali hija strumentali ħafna biex tiġġenera dħul ta' flus għall-Awtorità tad-Djar biex b'hekk tkun tista' tingħata aktar għajnuna f'forma ta' sussidji soċjali.
Filwaqt li fl-1986 in-nefqa kapitali kienet ta'madwar Lm 100,000, illum din il-figura telgħet għal ftit anqas minn Lm 1,200,000 kif turi ċar it-tabella ta' hawn taħt:

IN-NEFQA KAPITALI MATUL IS-SNIN




1.2 Fil-proġetti tagħha li tiżviluppa artijiet f'Malta u f'Għawdex permezz ta' bini, l-Awtorità tad-Djar tirsisti biex tippreżerva l-ambjent: għal dan l-iskop, qed tfittex siti mibdija kemm jista' jkun fil-qalba ta' l-irħula u ta'l-ibliet. Sadanittant, l-Awtorità tad-Djar ma ntrabtitx li tissokta bl-iżvilupp ta'belt ġdida f'Pembroke minħabba prioritajiet oħra.

### 2.0 Infieq Soċjali

2.1 In-nefqa f'sussidju lix-xerrejja ta' postijiet battala hi marbuta mar-ritmu ta' bini, ipproċessar ta' applikazzjonijiet, allokazzjonijiet u pubblikazzjoni ta' kuntratti finali ta' dawn il-postijiet. Is-somma ta' Lm3,139,400 maħsuba fi ħruġ ta'sussidji għas-sena li għaddiet ma ntefqitx kollha minħabba dawn il-fatturi.

2.2. Taħt l-iskema ta' ħruġ ta' sussidju fuq xiri ta'postijiet mingħand il-privat, fejn l-għotja ta' flus lill-benefiċċjarji hi marbuta ma' kemm huwa qadim il-fond li se jinxtara, ingħelbu xi diffikultajiet tal-bidu biex l-inkwilini jipproduċu dokumentazzjoni li jixhed dan, u issa l-iskema qed titħaddem b'ritmu sodisfaċenti.

2.3 Dwar is-sussidju dirett lill-benefiċċjarji ta' artijiet taħt l-Iskema tal-'Home Ownership', l-Awtorità tad-Djar ipproġettat għal perċentwal qawwi tas-somma imwiegħda li se tingħata fid-diversi stadji tal-bini ta' artijiet. Għal xi żmien, iżda,beda jinstab li, wara spezzjonijiet tas-siti minn fejn oriġinaw il-bosta talbiet għall-għotja ta' flus, l-bini kien għadu fl-ewwel filati. Għalhekk, kellhom jittieħdu miżuri biex dan l-abbuż ma jibqax isir, u l-makkiniżmu biex toħroġ l-għotja issa qed jaħdem aħjar.

2..4 In-nefqa soċjali f'sussidji uriet żieda sostanzjali f'dawn l-aħħar snin.




2.5 Maċ-ċifra murija għas-sena 1990/91 trid tiżdied is-somma ta' Lm 800,000 li hija d-differenza bejn il-valur reali ta' l-appartament u l-prezz li bih jinbiegħ lill-benefiċċjarji.

## 3.0 Infieq Rikorrenti

3.1 Il-ħlas ta' imgħaxijiet fuq self għall-iżvilupp mħallsa matul l-1990/91 kien ta' Lm33,000 anqas mill-istima. Dan huwa dovut għall-fatt li l-Awtorità tad-Djar qagħdet attenta li ma titgħabbiex b'self b' imgħaxijiet għoljin. Inkiseb self mill-'ERF' b'imgħax issussidjat f'Marzu 1991 u għalhekk il-flus li kienu stmati li se joħorġu ma tħallsux kollha.

3.2 L-Awtorità tad-Djar qiegħda taħseb biex tkattar in-numru ta' ħaddiema tagħha, wara li għamlet riforma fit-tqassim ta' diversi sezzjonijiet. Dan il-proċess bħalissa qed jitwettaq, u għalhekk ma ntefaqx l-ammont kollu għall-pagi kif stmat.

## 4.0 Skemi ta' Bejgħ

4.1 Din is-sena wkoll, l-Awtorità tad-Djar inkludiet fl-estimi ta' nfieq u dħul il-prezz sħiħ tal-binjiet u bċejjeċ ta' art li hija tbiegħ. B'hekk hu maħsub li kull min isegwi ħidmiet l-Awtorità jifhem aħjar kemm hu l-valur tal-propjetà li qed tiddisponi minnha, kif ukoll id-daqs ta' l-għajnuna finanzjarja li qed titqassam f'forma ta' sussidji.

4.2 Id-dħul kollu mill-bejgħ ta' proprjetà sussidjata mill-Awtorità kien jilħaq il-miljun u nofs lira bejn Ottubru 1990 u Settembru 1991. Din is-somma ma tinkludix il-bejgħ ta' 354 appartament li jxxandru fl-avviżi ta' l-Awtorità u li, għalkemm ġew allokati, iżda għad iridu jsiru l-kuntratti ta' bejgħ tagħhom. Bid-dħul stmat minn dawn l-allokazzjonijiet, id-dħul reali

jkun jiżboq sew il-vot maħsub għas-sena li għaddiet. Dawn issa qed jintwerew fl-Estimi l-ġodda.

4.3 Din is-sena, il-bejgħ ta'postijiet ġodda żdied b'aktar minn 20 fil-mija fuq l-attività tas-sena ta' qabel.

4.4 Sadanittant, id-dħul mill-bejgħ ta' appartamenti tal-Gvern ġodda u battala matul l-aħħar sitt snin kien hekk:

| | Lm |
|---|---|
| 1986 | 254,187 |
| 1987 | 43,679 |
| 1988 | 27,750 |
| 1989 | 195,770 |
| 1990 | 392,079 |
| 1991 | 446,932 |

4.5 Ix-xogħol fuq l-applikazzjonijiet mingħand inkwilini fi djar ta' abitazzjoni tal-Gvern għax-xiri tal-fond residenzjali tagħhom u li jista' jitkompla il-proċess tal-bejgħ tagħhom mill-Awtorità tad-Djar tlesta u, filwaqt li f'dawn il-każijiet sar l-att tal-konvenju, qed jitkompla l-process mill-Lohombus Corporation Ltd., fejn se joħroġ self sussidjat, sabiex ikunu jistgħu jiġu iffinalizzati il-kuntratti u jidħlu l-flus fl-ewwel ġimgħat tas-sena li ġejja.

L-Awtorità tad-Djar ħasbet biex l-istima għas-sena d-dieħla tkun tirrifletti wkoll id-dħul minn bejgħ ta' postijiet li, kif ingħad, il-proċess tiegħu wasal fl-aħħar stadji.

Id-dħul mill-bejgħ ta' appartamenti tal-Gvern lill-inkwilini matul l-aħħar sitt snin kien hekk:

| | Lm |
|---|---|
| 1986 | 148,690 |
| 1987 | 21,582 |
| 1988 | 74,236 |
| 1989 | 324,698 |
| 1990 | 534,318 |
| 1991 | 176,221 |

4.6 Il-bejgħ u fidi ta' ċnus ta' artijiet ta' l-Awtorità tad-Djar ixxekkel bla mistenni għal bosta xhur minħabba diversi problemi fosthom dawk legali. Għadhom qed isiru l-isforzi meħtieġa biex l-intoppi li nqalgħu jingħelbu għall-ġid tal-benefiċċjarji.

## 5. Dħul Rikorrenti

Matul is-sena li għaddiet, l-Awtorità tad-Djar għamlet l-għalmu tagħha kollu biex filwaqt li tkattar l-għajnuniet lil bosta benefiċċjarji Maltin u Għawdxin, tissokta ittejjeb il-finanzi tagħha. Għal dan il-għan, minkejja l-imgħaxijiet għoljin ta' self fl-Ewropa, inkisbu rati ferm preferenzjali mir-'Resettlement Fund' tal-Ewropa.

## DHUL RIKURRENTI MATUL L-AHHAR SITT SNIN

| 1985/86 | 1986/87 | 1987/88 | 1988/89 | 1989/90 | 1990/91 |
|---|---|---|---|---|---|
| Lm | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm |
| 159,938 | 142,947 | 229,910 | 296,276 | 422,907 | 510,898 |

AWTORITÀ TAD-DJAR
ESTIMI GHAS-SENA 1991/ 1992
FIL-QOSOR

INFIEQ

| | | Lm |
|---|---|---|
| A. | Nefqa Kapitali | 1,752,600 |
| B. | Nefqa Soċjali f'Sussidji | 2,800,000 |
| C. | Nefqa Rikorrenti | 1,249,200 |
| | Nefqa Totali | 5,802,000 |
| | **IFFINANZJAT MID-DHUL LI ĠEJ:** | |
| D. | Bejgħ ta' postijiet tal-Gvern | 3,185,400 |
| E. | Dħul Rikorrenti | 1,616,600 |
| | Dħul Totali | 4,802,000 |
| | Eċċess ta' Nfieq fuq id-Dħul | (1,000,000) |
| | Kontribuzzjoni mill-Fond Konsolidat għan-Nefqa Soċjali f'Sussidji. | 1,000,000 |

Nota: Dawn l-estimi ma jinkludux fondi oħra, mill-Fond Konsolidat, li jistgħu jiġu approvati fl-Estimi tal-Gvern aktar tard matul is-sena, li jkunu ukoll allokati għall- Programm ta' Bini ta' Djar.

## A - NEFQA KAPITALI

| NEFQA 1989/90 | 1990/91 Stima | 1990/91 Nefqa | DETTAL | STIMA 1991/92 | NOTI |
|---|---|---|---|---|---|
| Lm | Lm | Lm | | Lm | |
| 915,278 | 1,249,400 | 647,915 | 1. Kontribuzzjoni ta' l-Awtorità għall-Programm tal-bini ta' Djar | 800,000 | L-Awtorità tad-Djar tikkontribwixxi mill-fond tagħha stess għal xogħolijiet fuq appartamenti ġodda mibnija mill-Gvern. |
| 162,018 | 1,000,100 | 546,075 | 2. Proġett tal-Belt Ċdida fl-Imtarfa | 800,000 | Tkopri bini ta' appartamenti u xogħolijiet mixxelanji oħra. |
| - | 20,000 | - | 3. Proġetti ta' bini ta' Djar f'Pembroke jew f'inħawi oħra | 20,000 | Vot maħsub għal bidu ta' żvilupp ta' proġetti ġodda. |
| - | - | - | 4. Proġett ta' bini li jiffranka l-enerġija | 60,000 | Vot ġdid biex jaħseb għal proġett sperimentali ta' bini li jikkontrolla t-temperatura biex isir użu anqas minn enerġija artifiċjali |
| 96,713 | 87,000 | 47,254 | 5. Attrezzament ta' uffiċċji ġodda ta' l-Awtorità | 41,200 | Ikopri tkomplija ta' attrezzament ta' uffiċċji għall-Awtorità tad-Djar. |
| - | 5,400 | 713 | 6. Zieda fil-Kompjuter-izzazzjoni ta' l-Uffiċċju | 5,400 | Vot li jaħseb għal aktar attrezzament tal-kompjuter kif ukoll xiri ta' sistema speċjalizzata għall-użu tal-periti. |
| 9,233 | 12,600 | 1,222 | 7. Xiri ta' għamara, tagħmir u makkinarju ieħor għall-uffiċċju | 21,000 | Żieda fit-tagħmir tal-uffiċċju. |
| 3,454 | 5,000 | 3,000 | 8. Xiri ta' vetturi | 5,000 | |
| 1,186,696 | 2,379,500 | 1,246,179 | TOTAL | 1,752,600 | |

# B - NEFQA SOĊJALI F'SUSSIDJI

| NEFQA 1989/90 | 1990/91 Stima | 1990/91 Nefqa | DETTAL | | STIMA 1991/92 | NOTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Lm | Lm | Lm | | | Lm | |
| 337,525 | 874,400 | 600,682 | 1. Sussidju lix-xerrejja ta' postijiet ġodda, battala mibnija mill-Gvern | i. | 1,121,400 | L-Awtorità tad-Djar ma tbiegħx l-appartamenti bil-prezz kummerċjali tagħhom (għajr għal xi eċċezzjonijiet) iżda bi prezzijiet issussidjati skond skemi stabbiliti. |
| 618,113 | 380,400 | 192,894 | 2. Sussidju lill-inkwilini ta' postijiet tal-Gvern | i. | 340,400 | |
| - | - | - | 3. Sussidju fuq ħlas ta' ċnus | ii. | 33,200 | Vot ġdid biex jaħseb għas-sussidju mogħti fuq il-pagamenti ta' ċnus tal-HOS plots. |
| - | 149,600 | 6,900 | 4. Sussidju fuq fidi ta' ċnus | i. | 66,200 | L-Awtorità tad-Djar toffri lill-benefiċjarji tal-plots tal-HOS, permezz ta' skemi, li jifdu ċ-ċens b'rata ogħla minn dik stipulata bil-liġi. |
| 119,144 | 330,000 | 88,553 | 5. Sussidju lix-xerrejja ta' postijiet privati | | 108,300 | L-Awtorità tad-Djar toffri, permezz ta' skema, lil inkwilini ta' postijiet tas-settur privat li jekk dawn jixtru darhom, tgħinhom b'għotja ta' flus. |
| 23,745 | 878,700 | 128,343 | 6. Sussidju dirett lil dawk li jingħataw plots fil-ħarġiet tal-HOS | | 740,700 | Fil-Ħarġiet Sett. 88, Sett 89, Aww 90 u Ġunju 91 l-Awtorità offriet għażla ta' għotjiet diretti minflok sussidju fuq l-imgħax. |
| 329,601 | 526,300 | 331,047 | 7. Sussidju fuq l-imgħaxijiet ta' self mill-Lohombus Corporation | | 390,000 | Fid-diversi skemi tagħha l-Awtorità tad-Djar toffri lill-benefiċjarji sussidju fuq l-imgħaxijiet mħallsa fuq self għall-iżvilupp ta' darhom. |
| 1,428,128 | 3,139,400 | 1,348,419 | | | 2,800,200 | |

i. Ara nota fuq paġna "Dħul minn bejgħ ta' proprejtà tal-Gvern"
ii. Ara nota fuq paġna "Dħul Rikorrenti"

## C. INFIEQ RIKORRENTI

| NEFQA 1989/90 | 1990/91 Stima | 1990/91 Nefqa | DETTAL | STIMA 1991/92 | NOTI |
|---|---|---|---|---|---|
| Lm | Lm | Lm | | Lm | |
| 421,562 | 310,000 | 277,657 | 1. Hlas ta' imgħaxijiet u kapital fuq self għall-iżvilupp | 485,000 | L-Awtorità tad-Djar tħallas regolarment l-imgħaxijiet u s-somom kapitali fuq is-self li takkwista |
| 176,358 | 251,700 | 204,971 | 2. Salarji, pagi ecc | 222,000 | |
| 10,146 | 14,400 | 16,227 | 3. Ħtiġijiet ta' l-Uffiċċju | 20,200 | |
| 8,061 | 20,700 | 17,970 | 4. Trasport | 20,700 | |
| 56 | 200 | - | 5. Spejjeż Mixxellanji | 200 | |
| - | 1,500 | - | 6. Kera ta' l-uffiċċju | - | Dan il-vot ma għadx fadal bżonnu. |
| 710 | 2,500 | - | 7. Hlas ta' dawl u ilma ta' l-uffiċċju | 5,000 | L-ispiża ta' dawl u ilma mistennija li tiżdied minħabba li l-Awtorità tad-Djar m'għadiex taqsam dan il-kont ma' Korpi oħra. |
| 600 | 600 | - | 8. Spejjeż legali u ta' reġistrazzjoni tal-art | 600 | |
| 1,784 | 3,000 | 6,422 | 9. Spejjeż fuq konferenzi u taħrig għall-impjegati | 6,500 | L-Awtorità tad-Djar tħoss il-ħtieġa qawwija li tħarreġ l-impjegati tagħha f' kull qasam tal-Amministrazzjoni. |
| 1,500 | 1,500 | 1,500 | 10. Hlas lill-Awdituri | 1,500 | |
| 620,777 | 606,100 | 524,747 | | 761.700 | SUBTOTAL |
| 194,465 | 303,000 | 984,467 | 11. Fond għal ħlas lura tas-self | 487,500 | L-Awtorità tad-Djar għandha programm ta' provvediment ta' kull sena għal ħlas lura tas-self. |
| 815,242 | 909,100 | 1,509,214 | | 1,249,200 | TOTAL |

## D - DHUL MINN BEJGH TA' PROPRJETÀ TAL-GVERN

| DHUL 1989/90 | 1990/91 Stima | 1990/91 Dħul | DETTAL | STIMA 1991/92 | NOTI |
|---|---|---|---|---|---|
| Lm | Lm | Lm | | Lm | |
| 729,604 | 2,263,400 | 1,047,614 | 1. Bejgħ ta' appartamenti ġodda | * 2,247,600 | Il-postijiet ġodda mibnija mill-Gvern u mill-Awtorità tad-Djar li jitlestew fis-sena 1991/92 u jinbiegħu. Stmati b'valur kummerċjali. |
| 1,153,431 | 760,800 | 369,115 | 2. Bejgħ ta' postijiet lill-inkwilini | * 684,000 | Postijiet tal Gvern u ta' l-Awtorità tad-Djar li jinbiegħu lill-inkwilini taħt l-iskemi ta' l-Awtorità tad-Djar stmati b'valur kummerċjali. |
| 5,095 | 365,400 | 27,883 | 3. Bejgħ ta' bċejjeċ ta' art għall-bini f'diversi lokalitajiet | 60,600 | Bċejjeċ ta' art tal-Gvern jinbiegħu għall-bini ta' djar ta' abitazzjoni |
| - | 398,900 | 1,450 | 4. Fidi ta' Ċens | * 193,200 | Ċnus fuq artijiet tal-HOS jiġu mifdija b'rata stmata skond il-liġi |
| 1,888,130 | 3,788,500 | 1,446,062 | | 3,185,400 | TOTAL |

* Il-valur stmat hu wieħed kummerċjali u s-sussidju jidher fuq paġna "Nefqa Soċjali f'Sussidji".

## E - DHUL RIKORRENTI

| DHUL 1989/90 Lm | 1990/91 Stima Lm | 1990/91 Dħul Lm | DETTAL | STIMA 1991/92 Lm | NOTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 105,089 | 117,500 | 94,484 | 1. Ċnus ta' artijiet li ħarġu taħt l-HOS. | * 182,800 | |
| 3,964 | 4,000 | 1,674 | 2. Kera ta' postijiet tal-Gvern | 5,400 | Minn dawk li postijiet li jgħaddu f'idejn l-Awtorità tad-Djar biex jinbiegħu, sakemm jinbiegħu, kif ukoll xi postijiet mibnija mill-fondi tal-Awtorità tad-Djar, ikun dovut il-kera fuqhom lill-istess Awtorità. |
| 1,312 | 5,000 | 2,195 | 3. Dħul minn permessi għall-ħwienet f'bini tal-HOS. | 5,000 | Drittijiet li jitħallsu lill-Awtorità tad-Djar meta tapprova permessi għal ftuħ ta' ħwienet. |
| 1,501 | 1,500 | 3,081 | 4. Lawdemju | 3,000 | Ħlas ta' Lawdemju ikun dovut lill-Awtorità tad-Djar fuq trasferiment lil terzi persuni. |
| 29,028 | 29,000 | 43,076 | 5. Dħul minn trasferimenti ta' artijiet tal-HOS. | 40,000 | Jekk art tal-HOS tiġi trasferita lil terzi persuni bil-kunsens ta'l-Awtorità tad-Djar ikun dovut ħlas lill-Awtorià tad-Djar skond skema stabbilita. |
| 24,201 | 25,000 | 52,873 | 6. Rimborż ta' sussidji | 45,000 | Jekk art tal-HOS tiġi trasferita qabel ma jagħlaq iż-żmien stipulat fl-iskema relattiva, ikunu jridu jitħallsu lura s-sussidji mew parti minnhom lill-Awtorità tad-Djar. |
| 257,812 | 207,500 | 313,515 | 7. Imgħax minn investimenti u flus fil-Bank | 435,400 | Ikopru nteressi minn investimenti temporanji u fondi għal ħlas lura tas-self. |
| 422,907 | 389,500 | 510,898 | | 716,600 | SUBTOTAL |
| 1,194,465 | 1,500,000 | 975,935 | 8. Self | 900,000 | L-Awtorità tad-Djar takkwista self għat-twettieq tal-programm tagħha. |
| 1,617,372 | 1,889,500 | 1,486,833 | | 1,616,600 | TOTAL |

* Fejn fis-snin ta' qabel kien qed jiġi stmat il-valur sussidjat issa qiegħed jiġi stmat il-valur kummerċjali u s-sussidju jidher fuq paġna "Nefqa Soċjali f'Sussidji".